# Air Malta – Erbgħin sena ta' servizz

Richard J. Caruana

Fl-1971, il-Gvern Malti daħal f'negozjati ma' numru ta' linji tal-ajru bl-intenzjoni li titwaqqaf linja nazzjonali Maltija. Għalkemm għal xi żmien deher li l-*Pan Am Amerikana* tista' toffri l-aħjar kundizzjonijiet, kienet il-*Pakistan International Airways (PIA)* li ntagħżlet, għal diversi raġunijiet. Dan għaliex, fost l-oħrajn, setgħet toħroġ bl-aħjar offerta billi kien għad kif spiċċalha x-xogħol li kienet tagħmel fil-Pakistan tal-Lvant minn mindu dan sar indipendenti, bħala l-Bangladesh. Kellha ajruplani u ekwipaġġi aktar milli kellha bżonn, u kien jeħtieġ li ssib fejn tħaddimhom.

Il-Gvern Malti żamm 51 fil-mija tal-iqsma, waqt li l-*PIA* investiet 20 fil-mija. Parti mill-kumplament ingħatat lill-*Malta Airlines*, li ċediet xi tagħmir li kienet tuża fl-ajruport, waqt li l-*Malta Aviation Services Ltd* ingħatat qasam nominali għall-istess raġuni.

L-*Air Malta Co*. Ltd ġiet reġistrata fil-31 ta' Marzu, 1973, u John Mizzi nħatar bħala l-ewwel *chairman* f'Mejju tal-istess sena. F'Ġunju, postu ħadu Albert Mizzi. Il-*PIA* bagħtet in-nies tagħha biex jagħmlu xogħol f'ħafna oqsma fejn il-Maltin ma kellhomx esperjenza: piloti, inġiniera u anki nies f'ħatriet amministrattivi. Min-naħa tagħha, l-*Air Malta* bagħtet in-nies tagħha l-Pakistan għat-taħriġ, u waslet fi fteħim mal-*British European Airways (BEA)* biex din tibqa' tagħti s-servizz tagħha bit-Trident f'isimha.

Eżatt sena wara li ġiet iffurmata, l-*Air Malta* għamlet l-ewwel titjira tagħha. Wara t-tberik tal-ajruplan minn Mons Arċisqof Mikiel Gonzi, KM108 telqet lejn Ruma fl-1 ta' April, 1974. Jumejn qabel dan l-avveniment, kien wasal f'Malta l-ewwel *Boeing 720-040B*, u l-għada wasal it-tieni wieħed, it-tnejn miżbugħ bil-kuluri tal-kumpanija nazzjonali Maltija. Kien jonqoshom biss il-bnadar Maltin ħdejn il-bibien ta' quddiem, u dawn inżebgħu filgħaxija tal-31 ta' Marzu. Għalkemm dawn kienu t-tnejn mikrija mingħand il-*PIA*, inżamm id-dritt li, jekk l-*Air Malta* tkun trid, tista' tixtrihom. Fil-fatt hekk għamlet fil-31 ta' Marzu 1979.

Fl-ewwel sena tagħha, l-*Air Malta* ġarret 'l fuq minn 160,000 passiġġier fuq ir-rotot ta' Londra, Manchester, Birmingham, Ruma,

Frankfurt, Pariġi u Tripli. Għas-sajf tal-1975 kriet ajruplan ieħor, BAC-111-530FX mingħand il-*British Caledonian* u għall-istaġun sajfi tas-sena ta' wara kriet Boeing 727-173C mingħand il-*World Airways*. Fl-1979, minbarra ż-żewġ ajruplani mikrija mingħand il-*PIA*, l-*Air Malta* kienet diġà xtrat ukoll Boeing 720B ieħor mingħand il-*Western Airlines* tal-Amerika, minn fejn xtrat tnejn oħra f'April-Mejju 1979.

F'April 1981 wasal l-ewwel minn tliet Boeing 737-2K mikrija minn Transavia waqt li fit-12 ta' Marzu 1983, wasal l-ewwel ajruplan mixtri mill-*Air Malta* direttament mill-fabbrika, li kellhom dehra ġdida fid-disinn tal-kuluri. Ma' dawn kien hemm ordnati tnejn oħra li waslu ftit ġimgħat wara, u tlieta oħra li kellhom jaslu fl-1987. Magħhom daħlet ukoll id-drawwa li l-ajruplani jissemmew għal Gran Mastri. Il-Boeing 720 beda jiġi rtirat minn fuq il-linja fl-1981, u meta 9H-AAO tar għall-aħħar darba fit-28 ta' Novembru 1989, kienet ukoll l-aħħar titjira tat-tip tiegħu fid-dinja.

Iż-żieda ta' passiġġieri fix-xhur tas-sajf kien jirrikjedi l-kiri ta' ajruplani mingħand kumpaniji oħra, bl-aktar tip popolari jkun il-Boeing 727. Għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, l-*Air Malta* bidlet il-kumpanija ta' minn fejn kienet xtrat l-ajruplani tagħha, għax fil-31 ta' Awissu 1990 wasal l-ewwel Airbus A320-211. Kienet qabża kbira fil-kwalità ta' ajruplan, kif ukoll fin-numru ta' passiġġieri li seta' jġorr. Daħal fis-seħħ ukoll skema ta' kuluri totalment ġdid. Kien wieħed minn dawn l-ajruplani ġodda li wassal f'Malta għall-ewwel darba Papa, il-Qdusija Tiegħu Papa Ġwanni Pawlu II fis-27 ta' Mejju 1990.

Bejn Ottubru 1992 u Mejju 1994, l-*Air Malta* operat l-uniku ajruplan bl-iskrejjen li qatt kellha, *British Aerospace ATP*, mikri mingħand *SATA Air Azores*. F'Mejju 1993 waslu Malta tliet Boeing 737-3Y5 ġodda. F'dik is-sena, wkoll, kien hemm bidla fit-tmexxija tal-kumpanija, meta f'Mejju, Joe N. Tabone laħaq *chairman* minflok Albert Mizzi.

Is-sena ta' wara, il-kumpanija xtrat erba' Avro RJ70, akkwist li ma tantx irnexxa. M'għaddiex ħafna żmien li nstab li xejn ma kienu adaddati għax-xogħol li kellha l-*Air Malta*. Fil-fatt, mill-1997 dawn inkrew lill-*Azzurra Air*, li tagħha l-*Air Malta* għandha 49.9 fil-mija. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-kumpanija ma xtratx ajruplani, għalkemm



L-ewwel ajruplan tal-Air Malta, AP-AMG, li kien ġie mikri mingħand il-*Pakistan International Airlines*, u li wasal Malta fid-29 ta' Marzu, 1974. Dan kien inxtara, u ġie rreġistrat fir-Reġistru Ċivili Malti bħala 9H-AAM fil-31 ta' Marzu 1979 *(R.J. Caruana)*

kriet numru ta' Boeing u Airbus biex taqdi d-dmirijiet tagħha. Tabone spiċċa mit-tmexxija tal-kumpanija f'Settembru 1996, u t-tielet *chairman* tal-kumpanija, Louis Grech, ġie appuntat f'Settembru 1997.

Is-suċċess tal-*Air Malta* bħala linja tal-ajru ma kienx jinkiseb li kieku ma kinitx il-ħila tal-Maltin li ħadu posthom f'kull qasam tal-operat. Minbarra piloti u ekwipaġġi kwalifikati, il-kumpanija rnexxielha twaqqaf ċentru ta' manutenzjoni u tiswija li ġie ppremjat kemm-il darba b'ċertifikazzjonijiet mill-aqwa. Minbarra hekk, hija topera kumpanija sussidjarja li bdiet toffri servizz bil-*helicopter* bejn Malta u Għawdex f'Ġunju 1990. Il-*Malta Air Charter* għandha żewġ Mil-8, li wieħed minnhom għamel żmien iġorr l-isem *Ċittadella*. Wara ħafna skemi ta' kuluri differenti, il-*helicopters* tal-*Malta Air Charter* ingħataw dehra ġdida fl-2000. Dan is-servizz intemm fl-1 ta' Novembru 2004.

Fl-2001, il-flotta tal-*Air Malta* kienet magħmula minn tliet tipi ta' ajruplani, l-Airbus A320, Boeing 737-200, u Boeing 737-300. Fl-istess sena, il-kumpanija ġarret 1,775,883 passiġġier, 210,000 aktar mis-sena ta' qabel. F'dik l-istess sena kien għamel żjara f'pajjiżna il-Qdusija Tiegħu il-Papa Ġwanni Pawlu II li kien vjaġġa minn Ruma għal Malta fuq ajruplan minn dawn lejn u lura minn Malta.

Bejn l-2004 u l-2005 id-destinazzjonijiet li għalihom kienet topera l-*Air Malta* telgħu għal 45 lejn l-Ewropa, l-Afrika ta' Fuq u l-Lvant Nofsani waqt li żiedet numru ta' destinazzjonijiet fl-Ingilterra li jinkludu Cardiff, East Midlands, Bristol u Newcastle, kif ukoll lejn Nantes u Toulouse fi Franza.

Fl-2008 il-flotta tal-*Air Malta* kienet tikkonsisti f'sitt Airbus A319 u sitt'oħra A320 u b'hekk spiċċat il-konnessjoni tal-kumpanija tal-ajru nazzjonali mal-Boeing. Fit-8 ta' Marzu 2010 l-Air Malta ġarret il-miljun passiġġier tagħha u fl-istess xahar wasslet lill-Qdusija tiegħu il-Papa Benedettu XVIII fiż-żjara tiegħu f'pajjiżna. Bid-dħul ta' pajjiżna fl-Unjoni Ewropea l-*Air Malta* setgħet tibda ttir minn post għall-ieħor mingħajr ma tibda' titjira minn Malta, bħal per eżempju s-servizzi li bdiet minn Katanja u Londra (Gatwick) u minn ġol-Ingilterra bdiet ittajjar titjiriet *charters* għal numru ta' destinazzjonijiet fl-Ewropa.

Dik is-sena bdiet tinħass pressjoni fuq id-dħul tal-kumpanija u ingħatat €52



F'Marzu 1983, l-*Air Malta* irċiviet tliet ajruplani ġodda li kienet ordnat mingħand il-Boeing. Din kienet l-ewwel darba li l-kumpanija nazzjonali xtrat ajruplani ġodda għaliha. 9H-ABC kien Boeing 737-2Y5A, li dam jopera sakemm inbigħ lil *Air New Zealand*, u telaq minn Malta fis-16 ta' Diċembru 1994 *(R.J. Caruana)*

milljun f'dejn biex jinbeda' programm ta' ristrutturazzjoni taħt it-tmexxija ta' Chief Executive Peter Davies. Parti minn dan il-programm kien jinkludi wkoll dehra ġdida lill-ajruplani u *logo* ġdid biex aktar jirriklama 'l pajjiżna barra minn xtutna. F'Diċembru tal-2012 ġew inawgurati uffiċċji ġodda fil-bini 'l-ġdid biswit it-*terminal* tal-*Malta International Airport*, *Skyparks Business Centre*.

Din is-sena jimmarka l-erbgħin anniversarju minn mindu l-*Air Malta* bdiet topera. Bejn l-1974 u l-2014 l-ajruplani tal-*Air Malta* taru distanza ta' 654,020,262 kilometri mferrxa fuq tletin pajjiż, u ġarrew total ta' 48,784944 passiġġier. Biex tikkommemora dan l-avveniment speċjali, fis-16 ta' April 2014 wasal f'Malta Airbus A320-214 (9H-AEI) miżbugħ bil-kuluri li l-*Air Malta* bdiet ittir bihom 40 sena ilu. Wara titjira madwar Malta niżel fl-ajruport internazzjonali ta' Malta fejn kien hemm delegazzjoni mmexxija mid-Deputat Prim Ministru u ex-Chairman tal-*Air Malta* Louis Grech, mill-Ministru tat-Turiżmu Edward Zammit Lewis u miċ-*Chief Executive Officer* tal-*Air Malta* Louis Giordimaina. L-ajruplan ġie mbierek mill-Kappillan tal-ajruport Fr Donald Bellizzi. L-għada filgħodu dan l-ajruplan għamel l-ewwel titjira tiegħu (KM102) lejn Londra.

*©RICHARD J. CARUANA - 2014*

(Għal notamenti u aktar tagħrif ara ***L-istorja tal-Avjazzjoni f'Malta***, *Pin Publications*, 2002, ISBN 99932-41-26-1 tal-istess awtur)

Ringrazzjament lil Brendon Attard tal-permess biex jintuża' r-ritratt bil-kulur tiegħu.



Fil-31 t'Awissu 1990, l-*Air Malta* irċiviet l-ewwel ajruplan *wide-body*, jiġifieri b'kabina wiesa'. Airbus 9B-ABP jidher qed iħalli l-ajrurport ta' Pariġi fi triqtu lejn Malta biex jiġi kkunsinnat lill-kumpanija nazzjonali tal-ajru Maltija *(Airbus Industrie)*